**7 ta' Lulju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

Salvino Mifsud Bonnici *et noe*

*versus*

Adrian Busietta

## Azzjoni ta' Jattanza - Kontumaċja

*Din hija azzjoni ta' jattanza u bis-saħħa tagħha l-attur irid jeħles mill-pretensjoni li qed issir kontra tiegħu mill-konvenut u għalhekk huwa talab lill-Qorti li tipprefiġġi żmien qasir lill-istess konvenut biex iġib quddiem din il-pretensjoni tiegħu ġudizzjarjament u fin-nuqqas jiġi impost fuqu s-silenzju perpetwu.*

*In forza ta' l-artikolu 403 tal-Kap. 12 pretensjoni simili trid tkun saret jew b'att ġudizzjarju jew inkella bil-miktub. Jipprovdi wkoll li ċitazzjoni bħal din għandha ssir fi żmien sena minn meta ssir l-imsemmija millantazzjoni.*

*Il-konvenut ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet u għalhekk huwa fi stat ta' kontumaċja b'danakollu l-Qorti tħoss illi għandha tidħol fil-punti saljenti kollha tal-materja peress illi kif ġie ripetutament ritenut il-kontumaċja hija wkoll forma ta' opposizzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni;

Billi l-konvenut permezz ta' pretensjoni li huwa għamel ma' l-attur *nomine* ivvanta drittijiet fuq polza ta' assigurazzjoni *Houseowners and Household Policy (Buildings and Contents)* li kienet, skond hu, tkopri l-kontenut u l-oġġetti fid-dar tiegħu l-

Wardija, billi permezz ta' protest ġudizzjarju li huwa ppreżenta fid-9 ta' Awissu, 1994 għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa ġab a konjizzjoni ta' l-atturi *nomine* stat ta' fatt u ċjoe` li huwa kien ġie misruq fir-residenza tiegħu fil-Wardija fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta' Awissu, 1991, f'liema serqa ttieħdu diversi oġġetti ta' valur u li għalhekk l-atturi *nomine* kellhom jirriżarċuh għat-telfa li allegatament għamel;

Billi l-atturi *nomine* dejjem iddikjaraw li tali polza ta' assigurazzjoni ma kinitx teżisti fil-mument meta ġrat l-allegata serqa in kwistjoni u għalhekk huma għandhom interess li jillliberaw ruħhom minn din il-millantazzjoni tal-konvenut;

Talbu li:

Jiġi prefiss lilu terminu ta' mhux aktar minn tliet xhur sabiex jiddeduċi fil-ġudizzju l-pretensjoni tiegħu u ċjoe` li fil-fatt fil-mument tas-serqa minnu allegata kien hemm polza ta' assigurazzjoni viġenti u vinkolanti bejn il-partijiet u;

Fil-każ li ma jiddeduċix fit-terminu li jingħata lilu m'għandux jiġi lilu impost is-silenzju perpetwu billi jiġi għalhekk lilu impedut li qatt jipproċedi b'din il-pretensjoni immaġinarja tiegħu;

B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lill-attur *nomine* u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat illi l-konvenut, għalkemm debitament innotifikat biċ-

ċitazzjoni u bil-mozzjoni ta' l-appuntament baqa' ma pprezentax ebda nota ta' l-eċċezzjonijiet u għalhekk huwa fi stat ta' kontumaċja;

Semgħet lix-xhud ta' l-atturi;

Semgħet lid-difensur ta' l-istess atturi;

*Rat l-atti kollha tal-proċess;*

Ikkunsidrat:

Illi din hija azzjoni ta' jattanza u bis-saħħa tagħha l-attur irid jeħles mill-pretensjoni li qed issir kontra tiegħu mill-konvenut, u għalhekk huwa talab lill-Qorti li tipprefiġġi żmien qasir lill-istess konvenut biex iġib 'il quddiem din il-pretensjoni tiegħu ġudizzjarjament u fin-nuqqas jiġi impost fuqu s-silenzju perpetwu;

Illi skond l-ittra mibgħuta mid-difensur tal-konvenut, erbat *ijiem wara serqa li saret* fir-residenza tiegħu fil-5 ta' Awissu, 1991, l-istess konvenut "in terms of the said Policies and of Law he is hereby lodging his claim following loss in consequence of the theft". B'din il-pretensjoni huwa kkontenda illi s-soċjeta` attriċi, bħala assikuratriċi tiegħu, kellha tirrežarċixxi d-danni minu sofferti bħala riżultat ta' l-imsemmija serqa; dina l-pretensjoni qiegħda tiġi rrifjutata mis-soċjeta` attriċi peress li tikkontendi li ma kien hemm ebda polza viġenti li in forza tagħha setgħet issir dina t-talba;

Illi inoltre l-vertenza tkompliet u fid-9 ta' Awissu, 1994 il-konvenut saħansitra intavola protest kontra l-atturi odjerni fejn interpellawhom iħallsu għal *claim* minnu magħmul;

Illi in forza ta' l-artikolu 403 tal-Kap. 12 pretensjoni simili trid tkun saret jew b'att ġudizzjarju jew inkella bil-miktub; għalhekk it-talba tal-konvenut tista' tiġi inkwadrata a tenur ta' l-imsemmi artikolu. Jipprovdi wkoll li ċitazzjoni bħal din għandha ssir fi żmien sena minn meta ssir l-imsemmija millantazzjoni; dan jidher li ġie sodisfatt peress li għalkemm l-imsemmija ittra esebita ġiet miktuba aktar minn tliet snin ilu din ġiet segwita minn korrispondenza ulterjuri u anke ġie pprezentat il-protest fuq riferit u għalhekk jidher illi sa żmien sena preċedenti għall-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni kienet saret it-talba, kif rikjest mil-liġi;

Illi t-talba tal-konvenut jekk tiġi segwita ġudizzjarjament huwa jkun qed jivvanita dritt illi huwa ċert u inoltre illi dwaru jistgħu jittieħdu l-proċeduri meħtieġa u dan għas-sodisfazzjoni ta' l-artikolu 405 ta' l-istess Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi l-konvenut ma ppreżentax in-nota ta' l-eċċezzjonijiet u għalhekk huwa fi stat ta' kontumaċja u inoltre anqas qatt ma attenda għall-ebda waħda minn diversi udjenzi li nżammu f'din il-kawża, b'danakollu l-Qorti tħoss illi għandha tidħol fil-punti saljenti kollha tal-materja peress illi kif ġie ripetutament ritenut il-kontumaċja hija wkoll forma ta' opposizzjoni;

Illi mir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti hija sodisfatta illi ġew ippruvati l-elementi meħtieġa għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet legali relattivi u l-Qorti tifhem li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, perijodu ta' xahar huwa suffiċjenti ħalli jiġi wkoll sodisfatt anke l-ispirtu tal-liġi biex fih il-konvenut ikun jista' jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa'

l-ewwel domanda kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u tagħti lill-konvenut xahar żmien mid-data ta' din is-sentenza biex jiddeduċi in ġudizzju l-pretensjoni tiegħu kontra l-konvenut dwar is-serqa illi huwa jallega li sofra fir-residenza tiegħu fil-5 ta' Awissu, 1991 u r-riżarċiment lilu dovut in forza ta' polza ta' l-assigurazzjoni li huwa kellu ma' l-istess soċjeta` attriċi; tirriżerva li tipprovdi dwar it-tieni domanda wara li jgħaddi l-perijodu hawn mogħti;

L-ispejjeż huma riservati għall-ġudizzju finali; l-kawża hija differita għat-13 ta' Ottubru, 1995.